



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7222/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0330 (NLE)

ACP 31
WTO 41
COAFR 78
RELEX 357
UD 55

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali
stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Speċjali
dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra¹ ('il-Ftehim') ġie ffirmat mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fl-10 ta' Ġunju 2016. Huwa ilu jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Botswana, il-Lesoto, in-Namibja, l-Eswatini u l-Afrika t'Isfel min-naħa l-oħra, mill-10 ta' Ottubru 2016, u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Możambik, min-naħa l-oħra, mill-4 ta' Frar 2018.
- (2) Il-Kumitat Speċjali dwar id-Dwana u l-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ ġie stabbilit permezz tal-Artikolu 50(1) tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 50(2), il-punt (f), tal-Ftehim, il-Kumitat Speċjali dwar id-Dwana u l-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ irid jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdanil-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali, peress li d-deċiżjoni dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu ser ikollha effetti legali fuq l-Unjoni.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak il-kumitat mehmuża ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 250, 16.9.2016, p. 3.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjali dwar id-Dwana u l-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ, stabbilit permezz tal-Artikolu 50 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak il-kumitat mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
